Stampa u Informazzjoni

**KOMUNIKAT STAMPA Nru 01/07**

12 ta' Jannar 2007

* * *

# IMĦALLFIN ĠODDA FIL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U FIL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Udjenza solenni tat-12 ta' Jannar 2007*

Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Jannar 2007, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ħatru bħala Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej lil Alexander Arabadjiev, għall-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2007 u s-6 ta' Ottubru 2012, u lil Camelia Toader, għall-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2007 u s-6 ta' Ottubru 2009. Teodor Tchipev u Valeriu Ciucă nħatru bħala Imħallfin fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu bejn it-12 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Awwissu 2007 u bejn it-12 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Awwissu 2010, rispettivament.

Udjenza solenni, fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' dawn l-erba' membri ġodda nżammet illum fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

**Alexander Arabadjiev**

imwieled fl-1949; gradwat fid-dritt (Università St Kliment Ohridski, Sofia); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Blagoevgrad (1975-1983); Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Blagoevgrad (1983-1986); Imħallef fil-Qorti Suprema (1986-1991); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1991-2000); membru tal-Kummissjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem (1997-1999); membru tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur ta' l-Ewropa (2002-2003); deputat (2001-2006); osservatur fil-Parlament Ewropew; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Jannar 2007.

**Camelia Toader**

imwielda fl-1963; gradwata fid-dritt (1986), dottorat fid-dritt (1997) (Università ta' Bukarest); tħarrġet bħala Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Buftea (1986-1988); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Ħames Settur ta' Bukarest (1988-1992); *lecturer* (1992-2005) u wara professura (2005-2006) ta' dritt ċivili u ta' dritt kuntrattwali Ewropew fl-Università ta' Bukarest; diversi studji ta' dottorat u ta' riċerka fl-istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali privat f'Amburgu (bejn l-1992 u l-2004); kap tad-Dipartiment għall-Integrazzjoni Ewropea fil-Ministeru tal-

Ġustizzja (1997-1999); Imħallef fil-Qorti Għolja ta' Appell u ta' Ġustizzja (1999-2006); professura mistiedna fl-Università ta' Vjenna (2000); għalliema ta' dritt Komunitarju fl-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (2003 u 2005-2006); membru tal-kumitat editorjali ta' diversi rivisti legali; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Jannar 2007.

**Teodor Tchipev**

imwieled fl-1940; gradwat fid-dritt mill-Università St Kliment Ohridski ta' Sofia (1961); dottorat fid-dritt (1977); avukat (1963-1964); konsulent legali fi ħdan l-impriża ta' l-Istat għat-trasport bit-triq internazzjonali (1964-1973); *lecturer* fl-Istitut ta' Dritt ta' l-Akkademja tax-Xjenzi Bulgara (1973-1988); *lecturer* dwar il-proċedura ċivili tal-fakultà tad-dritt ta' l-Università St Kliment Ohridski ta' Sofia (1988-1991); arbitru fil-Qorti ta' Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u ta' l-Industrija (1988-2006); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1991-1994); professur assoċjat fl-Università Paissiy Hilendarski ta' Plovdiv (Frar 2001-2006); Ministru tal-Ġustizzja (1994-1995); *lecturer* dwar il-proċedura ċivili fl-Università Ġdida Bulgara ta' Sofia (1995-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Jannar 2007.

**Valeriu M. Ciucă**

imwieled fl-1960; gradwat fid-dritt (1984), dottorat fid-dritt (1997) (Università Alexandre Jean Cuza ta' Iaşi); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Suceava (1984-1989); Imħallef militari fil-Qorti Militari ta' Iaşi (1989-1990); professur fl-Università Alexandre Jean Cuza ta' Iaşi (1990-2006); borża ta' studju ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt privat fl-Università ta' Rennes (1991-1992); president ta' konferenza fl-Università Petre Andrei ta' Iaşi (1999-2002); professur soċju fl-Università tal-Littoral Côte d'Opale (LAB. RII) (2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Jannar 2007.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355    Fax: (00352) 4303 2731*

*Filmati ta' l-udjenza formali huma disponibbli fuq EbS "Europe by Satellite",*
*servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,*
*Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampa u Komunikazzjoni*
*L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177  Fax: (00352) 4301 35249*
*jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106   Fax: (0032) 2 2965956*